MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 711/2008

**Go plc (C22334)**

**vs**

**Joseph Abela (I.D. 284572M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elfejn, tlett mija u hamsa u ghxrin Euro u hamsa u tletin centezmi (€2,325.35) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21805318 (AC10040815) skond kif jirrizulta mid-dokumenti markati 'IZY1' u 'IZY2' annessi mat-talba.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li l-konvenut eccepixxa illi l-ammont pretiz huwa preskritt abazi tal-Artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili dwar il-preskrizzjoni kwinkwennali.

Illi bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, l-ammont reklamamt huwa ezagerat u ma jirriflettix rati ta’ dar residenzjali fejn kienet tinstab installata l-linja telefonika. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda tal-PL Noel Scerri.

Ra illi fit-23 ta’ April, 2009, giet ipprezentata Nota ta’ Ammissjoni tal-konvenut Joseph Abela, fejn biha l-konvenut ammetta t-talba attrici.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------